# REGOLAMENT TAL-KUNSILL (UE) 2021/1986
## tal-15 ta' Novembru 2021
## li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 215 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill 2012/642/PESK tal-15 ta' Ottubru 2012 rigward miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarussja ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposta konġunta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà u l-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

(1) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 ([2]) jagħti effett lid-Deċiżjoni 2012/642/PESK u jipprevedi b'mod partikolari l-iffriżar ta' fondi u riżorsi ekonomiċi ta', u jipprojbixxi li fondi jew riżorsi ekonomiċi jsiru disponibbli għal, persuni, entitajiet jew korpi responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem jew għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika, jew li l-attivitajiet tagħhom idgħajfu serjament id-demokrazija jew l-istat tad-dritt fil-Belarussja jew li jibbenefikaw jew jappoġġaw ir-reġim ta' Lukashenka.

(2) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1030 ([3]), li emenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006, introduċa aktar sanzjonijiet ekonomiċi mmirati, inkluż projbizzjoni fuq l-għoti ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni lill-Gvern Belarussu u lill-korpi u lill-aġenziji pubbliċi Belarussi.

(3) Fil-15 ta' Novembru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2021/1989 ([4]), li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK u tintroduċi ċerti eċċezzjonijiet għall-projbizzjoni fuq l-għoti ta' assigurazzjoni u riassigurazzjoni lill-Gvern Belarusu u lill-korpi u lill-aġenziji pubbliċi Belarussi, sabiex jiġu evitati konsegwenzi mhux intenzjonati.

(4) Ċerti miżuri jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tat-Trattat u, għalhekk, bil-ħsieb li tiġi żgurata l-applikazzjoni uniformi tiegħu mill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha, hija neċessarja azzjoni regolatorja fil-livell tal-Unjoni għall-implimentazzjoni ta' dawk il-miżuri.

(5) Għalhekk ir-Regolament (KE) Nru 765/2006 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Artikolu 1l tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 huwa sostitwit bis-segwenti:

"*Artikolu 1l*

1. Għandu jkun ipprojbit li tiġi pprovduta assigurazzjoni jew riassigurazzjoni:

(i) lill-Gvern Belarussu, lill-korpi, lill-korporazzjonijiet jew lill-aġenziji pubbliċi tiegħu; jew

(ii) lil kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika, entità jew korp li jaġixxu f'isem jew fuq ordni ta' persuna ġuridika, entità jew korp imsemmija fil-punt (i).

---

([1]) ĠU L 285, 17.10.2012, p. 1.

([2]) Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi kontra l-Belarussja (ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1).

([3]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2021/1030 tal-24 ta' Ġunju 2021 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Belarussja (ĠU L 224 I , 24.6.2021, p. 1).

([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2021/1989 tal-15 ta' Novembru 2021 li temenda d-Deċiżjoni 2012/642/PESK dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni tal-Belarussja (ara paġna 8 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

2. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 ma għandhomx japplikaw għall-għoti ta' assigurazzjoni ta' responsabbiltà obbligatorja jew ta' parti terza lil persuni, entitajiet jew korpi Belarussi fejn ir-riskju assigurat jinsab fl-Unjoni jew għall-għoti ta' assigurazzjoni għal missjonijiet diplomatiċi jew konsulari tal-Belarussja fl-Unjoni.

3. Il-projbizzjonijiet fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mingħajr preġudizzju għall-eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel il-25 ta' Ġunju 2021 jew il-kuntratti anċillari neċessarji għall-eżekuzzjoni ta' tali kuntratti.".

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, il-15 ta' Novembru 2021.

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. BORRELL FONTELLES